MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 2589/2000/1

**Josette Caruana**

**vs**

**Anthony Caruana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fis-16 ta' Settembru 1989 kif jindika c-certifikat taz-zwieg anness bhala Dok "A", u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, Karl ta' ghaxar (10) snin u Josef ta' seba' (7) snin.

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja

mizzewwga u dan *ai termini* tal-**Artikolu (19) (c) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan *ai termini* tal-artikolu **19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19(1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi il-konvenut ma kellux fi zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba ragunijiet temporanji setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (h) tal-Kap 225 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi minhabba r-ragunijiet premessi u minhabba ragunijiet ohra kontemplati fl-**Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet**, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi jghid ghaliex ma ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Settembru 1989 huwa null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-**Art. 19 (1) (c), 19 (1) (d), 19 (1) (f) u 19 (1) (h) tal-Att XXXVII tal-1975 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tordna li din n-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduti tal-24 ta' Settembru 2001; tal-21 ta' Jannar 2002; tal-25 ta' Marzu 2002; tat-12 ta' Gunju 2002 u tal-14 ta' Gunju 2002;

Rat in-nota tal-attrici li permezz taghha ezebiet l-affidavits taghha stess, ta' Father Carmel Tanti, Theresa Cutajar, Anthony Cutajar, Ivan Cutajar u John Sammut.

Rat il-verbali tas-seduti tad-19 ta' Novembru 2002 u tal-11 ta' Frar 2003 fejn Dr Sandra Sladden ghall-attrici talbet li l-kawza tmur ghas-sentenza. Il-konvenut msejjah diversi drabi baqa' ma deherx pero' l-Qorti taghtu l-fakolta' biex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet fi zmien 20 gurnata minn dakinhar bin-notifika lid-difensur tal-kontroparti li jkollha 20 gurnata wkoll biex tirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 t'April 2003.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat u ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u b'hekk huwa kontumaci.

Rat li ebda noti ma gew ipprezentati.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### A. KAWZA ODJERNA

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed titlob li z-zwieg taghha mal-konvenut celebrat fis-16 ta' Settembru 1989 jigi dikjarat null u bla effett *stante* li hi qed tallega li l-kunsens taghha kien vizzjat minhabba li nkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga; kif ukoll li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha; kif ukoll, li l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu,

jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga; kif ukoll, li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat peress li ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba ragunijiet temporanji, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-konvenut ma pprezenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u kwindi huwa kontumaci.

## B. PROVI PRODOTTI

Illi mill-affidavit tal-attrici, **Josette Caruana,** jirrizulta illi hi ltaqghet mal-konvenut meta kellha hmistax-il sena. Hija xehdet li huwa kien juri nuqqas ta' rispett lejha fis-sens li meta kien imur ghaliha d-dar kien ihalliha tistenna s-sieghat, u kien idum hafna anki meta kien imur ghaliha x-xoghol filghaxija nono*stante* li fejn id-Dar tal-Providenza (il-post tax-xoghol taghha) huwa dizabitat. Il-harga taghhom fis-sajf kienet tkun ghal xi festa u fix-xitwa fic-Centru Parrokkjali. Wara li kien iwassalha *"kien jerga' jmur lura jiltaqa' mal-hbieb u jmorru fil-kazin jew fil-hanut tax-xorb fil-pjazza."* Illi hija kompliet li huma qatt ma kienu johorgu wahedhom u r-relazzjoni taghhom kienet iddur mal-attivitajiet tal-parocca. Huma qatt ma kienu jitkellmu dwar dak li jixtiequ mill-hajja mizzewga. Hija kienet ndunat li hu kien aktar jaghti mportanza lill-hbieb minnha izda hasbet li wara z-zwieg kien se jinbidel.

Illi hi xehdet li fl-1986 kienu hargu *plots* tal-Gvern u kienet insistet mieghu biex japplikaw u messhom *plot.* Id-dar bnewha huma u dan bl-ghajnuna tar-ragel u ta' xi hbieb u damu jibnu sa Marzu 1989 ghax huwa aktar ma jmurx milli jmur. Sahansitra hi kienet tmur il-post u taghmel dak kollu li kien hemm bzonn. Hu ma tantx kien interessat. Illi hi xehdet li l-preparamenti tat-tieg kollha ghamlithom hi. Il-konvenut ma tantx inkwieta li d-dar ma kienitx ghadha lesta.

Illi hi xehdet li l-konvenut huwa persuna dilettant tan-nar – infatti, wara r-riceviment tat-tieg ried imur fuq il-fosos ghall-festi tal-indipendenza sabiex jara n-nar u hekk

ghamlu. Hija qalet li hasbet li hekk kif jizzewwgu kien ser inaqqas mill-hrug izda hu xorta kien jinzel il-kazin jew il-hanut tax-xorb kuljum u jdum sa tard filghaxija. Imbaghad wara 4 xhur ta' zwieg harget tqila u peress illi lanqas *telephone* ma kellhom kienet tibza' toqghod wahedha d-dar izda l-konvenut kien johrog wahdu kuljum u kien inizzilha ghand ommha jew ommu. Imbaghad hi qalet *"Meta kien jittardja u kont nghajja nistennieh kont incempillu l-kazin u kien ighidli li gej. Kien jigi xi siegha wara u meta kont nargumenta mieghu kien ighidli li jiddejjaq jigi d-dar ghax lanqas television ma kellna."*

Illi l-konvenut lanqas meta dahlet l-isptar biex twelled ma kellu sabar joqghod hdejha u kif irritornat id-dar hu baqa' johrog kuljum u jdum sa tard filghaxija ghalkemm hi ma tantx kienet tiflah – *"qatt ma qatta' serata wahda d-dar mieghi u mat-tarbija."*

Illi l-attrici kompliet li l-konvenut ma kienx jahdem ghalkemm familtu bl-eghlieqi u b'hekk kellha dejjem tahseb hi ghal finanzi ghall-familja. Minhabba li kienet tahdem hi biss ma kienitx tlahhaq mal-familja u b'hekk kienet tghinha hafna ommha. Infatti d-dar kienet vojta u hekk baqghet hlief ghal xi affarijiet li xtratilha ommha. Hi qalet li l-ewwel tifel taghhom kien *asthmatic* u b'hekk kellhom hafna spejjez medici izda l-konvenut qatt ma ta kaz meta kienet tghidlu biex isib *part-time job.*

Illi hija xehdet li kemm damu mizzewgin qatt ma hargu bhala familja u dejjem kienet tispicca ghand ommha jew ommu filwaqt li hu kien ikun ma' shabu. Illi wara t-twelid ta' l-ewwel tifel lanqas beda jitla' jorqod hdejha u kien jitla' biss meta kien ikun irid ikollu x'jaqsam maghha u wara kien jerga' jinzel isfel. Meta imbaghad harget tqila bit-tieni tifel wara sentejn l-affarijiet baqghu l-istess, anzi marru ghall-aghar. It-tieni tifel ukoll kien *asthmatic* u kienet tqatta' hin l-isptar bih u ma kienitx tkun taf fejn kien ikun il-konvenut.

Illi hi kompliet illi imbaghad gie zmien meta l-konvenut beda jiffissa fil-girien taghhom fis-sens li dejjem ried jistedinhom id-dar. Biz-zmien bdiet tissuspetta li kien

hemm xi haga bejn il-konvenut u l-gara, certu Louise Cutajar, u dan ikkonfermatu meta darba ratu jaqbdilha idejha. Hi kkonfrontatu u l-konvenut ammetta maghha li qieghed f'relazzjoni maghha. Kien qalilha li lil din il-gara kien ihobbha minn dejjem anki qabel izzewweg lilha izda qatt ma seta' juriha ghax kienet gharusa. Qalilha li lilha qatt ma habbha u kien maghha biss ghax beza' li kien se jibqa' wahdu u ghax kien imdejjaq id-dar t'ommu u hi messa ndunat ghax il-hbieb dejjem kienu jigu l-ewwel ghalih u kieku ma kienx ihalliha dejjem wahedha anki meta kienet tqila u li kieku kien jixtrilha rigali. Hu kien ilu hafna biex ighidilha l-verita' izda qatt ma kellu l-kuragg. Hi qaltlu li kienet lesta tinsa kollox u biex jergghu jibdew mill-gdid u hekk hemm bzonn anke jmorru jghixu f'dar ohra izda hu ma riedx ghax ma kienx ihobbha. Hi ghamlet appuntament ma' *counsellor* u hu ma marx. Taf li kellmu l-kappillan izda kollu ghalxejn. Il-konvenut beda jinzel ic-Cirkewwa u jorqod fit-*truck.* Id-dar beda dejjem ighajjat, jidghi u jkisser u t-tfal kienu dejjem imwerwrin. Kien hemm hafna nies ihabbtu d-dar ghax kellu jaghtihom il-flus. Illi hu sa anki riedha tipprostitwixxi ruhha u kien b'hekk li ddecidiet li tissepara u kellmet avukat.

Illi bazikament omm u missier l-attrici, **Theresa u Anthony Cutajar,** ikkonfermaw u kkoroboraw max-xhieda ta' binthom cioe' li hu ma kienx bniedem biezel u li dejjem hi hadmet ghall-familja, u li kien ikun il-kazin u li huwa kellu lil xi haddiehor.

Illi l-Kappillan tal-Mellieha, **Father Carmel Tanti,** qal li hu sar jaf li kien hemm problemi matrimonjali bejn il-konjugi Caruana. Il-konvenut kien jahdem l-elettriku tal-parocca u anki n-nar tal-festa u b'hekk jarah ta' sikwit. Meta sema' li kellhom il-problemi kien kellmu u l-konvenut qallu li lil martu qatt ma habbha. Hu qallu li ma kienx jinteressah miz-zwieg u qallu li filghaxijiet sabiex ma jirritornax id-dar kien iqatta' hafna hin il-hanut tax-xorb fil-pjazza tar-rahal. Meta semghu jitkellem hekk ma kompliex jara kif ser jirranga dan iz-zwieg.

Illi **Ivan Cutajar,** hu l-attrici, ukoll ikkonferma u kkorrobora max-xhieda tal-attrici. Hu qal li l-konvenut kien

dizinteressat mill-post li kellhom u li x-xhud kellu jaghmel xi xoghol tal-injam fid-dar taghhom u l-konvenut qatt ma kienx imur jghinu hlief xi okkazjoni rari. Illi ohtu anki wara li zzewgu kienet tmur tahdem kuljum fl-eghlieqi tal-familja tieghu u hu qatt ma kien ghamel xejn biex jaqla' sold ghall-familja w ommu kienet tghin hafna lil ohtu finanzjarjament. Illi hu kkonferma wkoll incident li meta ohtu kienet tqila bit-tieni tifel il-konvenut kien qed jargumenta m'ommu fuq politika u meta ohtu qaltlu biex jieqaf huwa taha daqqa ta' harta quddiemu. Hu qal ukoll li l-konvenut kien anki jzomm in-nar gol-garaxx taghhom li qieghed mad-dar minghajr ma qal lil ohtu u ma kienx jinkwieta li tista' tisplodi d-dar tieghu bit-tfal b'kollox. Huwa sema' li darba minnhom nizel il-garaxx t'ohtu u ra lill-hbieb tal-konvenut jitfu n-nar fil-garaxx ghax kien hadilhom in-nar, ohtu ma tafx b'dan l-incident.

Illi **John Sammut,** habib tal-konvenut minn meta kien tifel, xehed li qal li jaf *"lill-konvenut bhala bniedem traskurat hafna u rresponsabbli".* Dwar xoghol qatt ma kien habrieki u jaf illi kienet l-attrici li hadmet biex titma' lill-familja. Hu ddeskriva lill-konvenut bhala bniedem li jghix fit-tgerfix. Hu bniedem bla kontroll u ma tistax toqghod fuq il-kelma tieghu. Hu kien jahdem flimkien mieghu fil-parocca. Il-konvenut ma jinkwieta fuq xejn. Hu kien ghen lill-konvenut meta kien qed jibni d-dar u sahansitra meta lejlet it-tieg ix-xhud kien inkwetat ghax fid-dar taghhom kien ghad m'ghandhomx dawl u drenagg u wara t-tieg kienu sejrin joqghodu dritt id-dar hu ma wera reazzjoni ta' xejn. Meta kien mizzewweg kien jarah f'hanut tax-xorb tard filghaxija. Hu qal *"Jien rari rajtu mal-familja tieghu u kien bniedem tal-hbieb."* Hu kien anki ra lill-konvenut jiltaqa' ma' mara ohra fil-Mellieha stess.

## <u>C. LIGI APPLIKABBLI GHALL-KAZ *DE QUO*</u>

Illi l-attrici qed tibbaza t-talbiet taghha a bazi ta' **l-artiklu 19(1)(c), (d), (f) u (h)** tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dawn l-artikoli jinqraw hekk kif gej:-

"**Artikolu 19(1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

*(e) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;*

*(h) jekk xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma tkunx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' 'ieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita' taz-zwieg *o meno* taht dawn l-erba' sub-incizi separatament. Illi, fl-ewwel lok, rigward l-**artikolu 19 (1)(c)** issir referenza ghal dak li nghad fis-setenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Michael Farrugia vs Liliana Farrugia"** (Cit. Nru:904/98/RCP – 27 ta' Gunju 2002) fejn intqal is-segwenti:-

**(i) QERQ.**

Illi l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-art.981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (****Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of*** **Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982) Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi mill-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li ma giex ippruvat soddisfacentement li l-konvenut qarraq bl-attrici dwar xi kwalita' tieghu u ghalhekk mhiex ser titratta dwar din il-kawzali.

Illi inoltre' lanqas ma jirrizulta li l-konvenut kien afflitt b'inkapacita' li jassumi l-oneri tal-hajja mizzewga.

Illi fir-rigward ta' l-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap. 255** jinghad:

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward tal-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly"* **.**

*“Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from ‘aementia’, not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …”.*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **‘L’immaturite’ et le consentement matrimonial*”*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*“The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple’s equilibrium, the relation of behavioural disorders to the ‘ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life.”*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar, 2000); **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002); **“Ali Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002); **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002); **“Romina Zammit vs Paul Zammit”** (P.A. (RCP) 30 ta’ Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J. "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"*** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these*

*essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi rigward l-**artikoli 19 (1) (f)** dan jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali (*"colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali (*colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frasi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ippruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata*". Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jghati l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att posittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie insenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Liugi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol.X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero'.*

Illi ‘nfatti meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda *a priori* certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cioe’, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda *a priori* z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi tal-hajja mizzewga, u cioe’ saret simulazzjoni parzjali.

Illi ‘noltre’ fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Av.Christopher Cilia et noe”** (Cit.Nru: 3130/96/NA – 10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* mill-provi prodotti rrizulta li meta l-attur izzewweg il-kunsens tieghu kien vizzjat *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.** Infatti rrizulta li l-konvenut, fl-ewwel lok, ma kellux id-diskrezzjoni necessarja u dik li tissodisfa l-ligi sabiex jizzewweg. Hu evidenti mill-provi li huwa kien persuna li ma kienx interessat fil-hajja familjari u fil-*communae vitae* ma’ martu. Infatti sa qabel ma zzewgu ma tantx kien jaghti kaz la li jlesti d-dar matrimonjali u lanqas fil-preparamenti tat-tieg. Irrizulta wkoll li ghalih l-ewwel kienu jigu shabu u d-delizju tan-nar li kellu, tant li anki wara r-riceviment tat-tieg ipprefera jmur jara n-nar, u fir-relazzjoni taghhom l-attivitajiet tal-parocca kienu centrali. Illi matul iz-zwieg huwa lanqas biss kien jahdem u dan nono*stante* li l-familja tieghu ghandhom l-eghlieqi u kwindi facilment kien jista’ jaqla’ l-flus biex imantni lill-familtu; minflok kienet dejjem l-attrici li hadmet ghall-familja. Il-komportament tieghu hu ta’ bniedem immatur u li ried jibqa’ jghix hajja ta’ guvni anki jekk izzewweg. Infatti x-xhieda prodotti, inkluz siehbu John Sammut, ikkonfermaw li filghaxijiet ikun il-kazin

jixrob u dan sa tard filghaxija. Dan l-istess Sammut iddeskrivieh bhala *"bniedem traskurat hafna u rresponsabbli"* u ddeskrivieh ukoll bhala bniedem li jghix fit-tgerfix, li hu bla kontroll u li ma tistax toqghod fuq il-kelma tieghu.

Illi inoltre' rrizulta wkoll li meta zzewweg hu kien eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu specjalment il-fedelta'. Dan hareg car kemm mill-komportament tieghu wara z-zwieg u anki mill-ammissjoni tieghu lil martu stess li huwa lilha qatt ma habbha u li zzewweg ghax ried jitlaq mid-dar. Infatti lil martu qalilha li hu kellu relazzjoni mal-gara tieghu Louise Cutajar u li huwa kien minn dejjem ihobb lil din Louise Cutajar, anki minn qabel izzewweg lil martu izda qatt ma seta' juriha ghax kienet gharusa. Huwa kkonferma li l-konvenut kellu relazzjoni ma' din Cutajar mix-xhieda li gew prodotti. Inoltre' sinifikanti l-affermazzjoni tal-Kappillan tal-Mellieha, Father Carmel Tanti, li kien jara ta' sikwit lill-konvenut u li meta kellmu l-konvenut ammetta mieghu li huwa qatt ma kien habb lill-attrici u li ma kienx jinteressah miz-zwieg.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Settembru 1989 huwa null u bla effett minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat *ai termini* tal-**Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------